

Brussell, 11 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

13052/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2019/0232 (NLE)**

**MI 705
ECO 104
ENT 227
UNECE 15**

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	11 ta' Ottubru 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 480 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitati rilevanti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti f'dak li għandu x'jaqsam mal-proposti għal emendi tar-Regolamenti Nru 0, 16, 17, 21, 29, 43, 44, 48, 53, 55, 58, 67, 74, 80, 83, 85, 86, 98, 107, 112, 113, 115, 116, 123, 129, 135, 148, 149 u 150 tan-NU, mal-proposta għal emendi tar-Regolament Tekniku Globali (il-GTR) Nru 2, mal-proposta għal emendi tar-Riżoluzzjoni Reċiproka MR.1, mal-proposti għal emendi tar-Riżoluzzjonijiet Ikkonsolidati R.E.3 u R.E.5 u mal-proposti għal awtorizzazzjonijiet biex tiġi żviluppata emenda tal-GTR Nru 6 u biex jiġi żviluppat GTR ġdid dwar id-determinazzjoni tal-potenza tal-vetturi li jaħdmu bl-elettriku (id-DEVP)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 480 final.

Mehmuż: COM(2019) 480 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.10.2019
COM(2019) 480 final

2019/0232 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitati rilevanti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti f'dak li għandu x'jaqsam mal-proposti għal emendi tar-Regolamenti Nru 0, 16, 17, 21, 29, 43, 44, 48, 53, 55, 58, 67, 74, 80, 83, 85, 86, 98, 107, 112, 113, 115, 116, 123, 129, 135, 148, 149 u 150 tan-NU, mal-proposta għal emendi tar-Regolament Tekniku Globali (il-GTR) Nru 2, mal-proposta għal emendi tar-Risoluzzjoni Reċiproka MR.1, mal-proposti għal emendi tar-Risoluzzjonijiet Ikkonsolidati R.E.3 u R.E.5 u mal-proposti għal awtorizzazzjonijiet biex tiġi żviluppata emenda tal-GTR Nru 6 u biex jiġi żviluppat GTR ġdid dwar id-determinazzjoni tal-potenza tal-vetturi li jaħdmu bl-elettriku (id-DEVP)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni f'wieħed mill-gruppi ta' ħidma permanenti fil-qafas istituzzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti, jiġifieri fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Grupp ta' Ħidma Nru 29" jew "id-WP.29"), b'rabta mal-adozzjoni prevista min-naħa ta' dan il-grupp ta' ħidma tal-emendi tar-Regolamenti eżistenti tan-NU (skont il-Ftehim Rivedut tal-1958) jew tar-Regolamenti Tekniċi Globali eżistenti tan-NU (minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-GTRs tan-NU", skont il-Ftehim Parallel), kif ukoll ta' għadd ta' riżoluzzjonijiet fil-kuntest taż-żewġ Ftehimiet.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim tal-1958 u l-Ftehim tal-1998

L-għan tal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa (minn hawn 'il quddiem imsejħa "n-NU/KEE") li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet liema jistgħu jkunu ffittjati u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Rivedut tal-1958") u tal-Ftehim li jstabbilixxi regolamenti tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, apparat u partijiet li jistgħu jitwaħħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Parallel") huwa li jiżviluppaw rekwiżiti armonizzati maħsubin biex ineħħu l-ostakli tekniċi għall-kummerċ fil-vetturi bil-mutur bejn il-Partijiet Kontraenti tan-NU/KEE u biex jiżguraw li t-tali vetturi joffru livell għoli ta' sikurezza u ta' ħarsien ambjentali. Għall-UE, il-Ftehimiet daħlu fis-seħħ fl-24 ta' Marzu 1998 u fil-15 ta' Frar 2000 rispettivament. It-tnejn li huma jamministrathom il-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tan-NU/KEE (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Grupp ta' Ħidma Nru 29" jew "id-WP.29").

L-Unjoni Ewropea hija firmatarja ta' dawn il-Ftehimiet¹.

2.2. Il-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (minn hawn 'il quddiem imsejħa "n-NU/KEE") (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Grupp ta' Ħidma Nru 29" jew "id-WP.29")

Id-WP.29 joffri qafas uniku għal regolamenti dwar il-vetturi armonizzati fil-livell globali. Id-WP.29 huwa grupp ta' ħidma permanenti fil-qafas istituzzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti li

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-għan tal-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet liema jistgħu jkunu ffittjati u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("Ftehim Rivedut tal-1958") (ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE tal-31 ta' Jannar 2000 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jstabbilixxi regolamenti, tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, apparat u partijiet li jistgħu jitwaħħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti ("Ftehim Parallel") (ĠU L 35, 10.2.2000, p. 12).

għandu mandat speċifiku u regoli ta' proċedura. Huwa jaħdem bħala forum globali li jippermetti diskussjonijiet miftuħin dwar ir-regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur, u fih tiġi diskussa l-implimentazzjoni tal-Ftehim Rivedut tal-1958 u tal-Ftehim Parallel. Kull pajjiż li huwa membru tan-Nazzjonijiet Uniti u kull organizzazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika li l-pajjiżi membri tan-Nazzjonijiet Uniti jwaqqfu jistgħu jieħdu sehem bis-sħiħ fl-attivitajiet tad-WP.29 u jsiru parti kontraenti tal-Ftehimiet dwar il-vetturi li d-WP.29 jamministra.

Il-laqgħat tad-WP.29 tan-NU/KEE isiru tliet darbiet fis-sena, jiġifieri f'Marzu, f'Ġunju u f'Novembru. F'kull sessjoni tal-laqgħat, jiġu adottati Regolamenti ġodda tan-NU, Regolamenti Tekniċi Globali ġodda tan-NU (minn hawn 'il quddiem imsejħin "GTRs tan-NU") u/jew emendi tar-Regolamenti eżistenti tan-NU (skont il-Ftehim Rivedut tal-1958) jew tar-Regolamenti Tekniċi Globali eżistenti tan-NU (minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-GTRs tan-NU", skont il-Ftehim Parallel), sabiex ikun jista' jsir progress tekniku. Qabel kull laqgħa tad-WP.29, dawn l-emendi l-ewwel jiġu diskussi fil-livell tekniku f'korpi sussidjarji speċjalizzati tad-WP.29.

Wara dan, issir votazzjoni fil-livell tad-WP.29 (jiġifieri b'maġġoranza kwalifikata tal-Partijiet Kontraenti preżenti li jkunu qed jivvutaw għall-proposti marbutin mal-Ftehim Rivedut tal-1958 u b'vot ta' kunsens tal-Partijiet Kontraenti preżenti li jkunu qed jivvutaw għall-proposti marbutin mal-Ftehim Parallel).

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni dwar ir-Regolamenti u l-GTRs il-ġodda u dwar l-emendi, is-supplimenti u r-rettifiki tagħhom hija stabbilita qabel kull laqgħa tad-WP.29 b'Deċiżjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

2.3. L-att previst tad-WP.29

Bejn it-12 u l-14 ta' Novembru 2019, matul il-179 sessjoni tiegħu, id-WP.29 jista' jadotta l-proposti għal emendi tar-Regolamenti Nru 0, 16, 17, 21, 35, 29, 43, 44, 48, 53, 55, 58, 67, 74, 80, 83, 85, 86, 98, 107, 112, 113, 115, 116, 123, 129, 135, 148, 149 u 150 tan-NU, il-proposta għal emendi tar-Regolament Tekniku Globali (il-GTR) Nru 2, il-proposta għal emendi tar-Riżoluzzjoni Reċiproka MR.1, il-proposti għal emendi tar-Riżoluzzjonijiet Ikkonsolidati R.E.3 u R.E.5 u l-proposti għal awtorizzazzjonijiet biex tiġi żviluppata emenda tal-GTR Nru 6 u biex jiġi żviluppat GTR ġdid dwar id-determinazzjoni tal-potenza tal-vetturi li jaħdmu bl-elettriku (id-DEVP).

3. IL-POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Is-sistema tad-WP.29 issaħħaħ l-armonizzazzjoni internazzjonali tal-istandards tal-vetturi. Il-Ftehim tal-1958 għandu rwol importanti f'dan l-oġettiv minħabba li l-manifatturi tal-UE jistgħu joperaw b'sett komuni ta' Regolamenti dwar l-approvazzjoni tat-tip bl-għarfien li l-Partijiet Kontraenti se jirrikonoxxu l-prodott bħala prodott li jikkonforma mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom. Pereżempju, din l-iskema ppermettiet lir-Regolament (KE) Nru 661/2009 dwar is-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur iħassar iktar minn 50 Direttiva tal-UE u jissostitwihom bir-Regolamenti korrispondenti żviluppati fil-kuntest tal-Ftehim tal-1958.

L-istess approċċ ittieħed fil-każ tad-Direttiva 2007/46/KE, li ssostitwiet is-sistemi tal-approvazzjoni tal-Istati Membri bi proċedura tal-approvazzjoni tal-Unjoni u stabbiliet qafas armonizzat li fih id-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi ġenerali għall-

vetturi, għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati l-ġodda kollha. Dik id-Direttiva inkorporat ir-Regolamenti tan-NU fis-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, jew bħala rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip jew bħala alternattivi għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Mill-adozzjoni ta' dik id-Direttiva 'l hawn, ir-Regolamenti tan-NU ġew inkorporati dejjem aktar fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qafas tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE.

Ladarba d-WP.29 jadotta l-proposti għal emendi tar-Regolamenti tan-NU jew għal Regolamenti ġodda tan-NU u ladarba s-Segretarju Eżekuttiv tan-NU/KEE jgħarraf lill-Partijiet Kontraenti b'dawn l-atti, jekk il-Partijiet Kontraenti li jikkostitwixxu minoranza li timblokka ma joġġezzjonawx għalihom fi żmien sitt xhur, l-atti jkunu jistgħu finalment jidħlu fis-seħħ u jkunu jistgħu jiġu trasposti fir-regoli nazzjonali applikabbli ta' kull Parti Kontraenti. Fl-UE, it-traspożizzjoni titlesta ladarba dawn l-atti jiġu ppubblikati fil-Ġurnali Uffiċjali tal-UE. Ir-rekwiżiti l-ġodda jew emendati li jkunu ġejjin mid-dħul fis-seħħ ta' dawn l-atti previsti japplikaw direttament fil-liġi tal-UE (jiġifieri għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip Ewropea tal-vetturi sħaħ) wara li jiġu emendati l-Anness IV tad-Direttiva 2007/46/KE u l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 661/2009.

Għalhekk, jeħtieġ li tiġi ddefinita l-pożizzjoni tal-Unjoni b'rabta mal-affarijiet li ġejjin:

- mal-proposti għal emendi tar-Regolamenti Nru 0, 16, 17, 21, 29, 43, 44, 48, 53, 55, 58, 67, 74, 80, 83, 85, 86, 98, 107, 112, 113, 115, 116, 123, 129, 135, 148, 149 u 150 tan-NU;
- mal-proposta għal emendi tar-Regolament Tekniku Globali (il-GTR) Nru 2;
- mal-proposta għal emendi tar-Risoluzzjoni Reċiproka MR.1;
- mal-proposti għal emendi tar-Risoluzzjonijiet Ikkonsolidati R.E.3 u R.E.5; u
- mal-proposti għal awtorizzazzjonijiet biex tiġi żviluppata emenda tal-GTR Nru 6 u biex jiġi żviluppat GTR ġdid dwar id-determinazzjoni tal-potenza tal-vetturi li jaħdmu bl-elettriku (id-DEVP),

li se jitressqu għall-votazzjoni waqt il-laqgħa tad-WP.29 ta' Novembru tal-2019 li se ssir bejn it-12 u l-14 ta' Novembru 2019.

Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-atti msemmijin hawn fuq minħabba li dawn jikkonformaw għalkollox mal-politika tas-suq intern tal-Unjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-industrija tal-karozzi u minħabba li huma konsistenti mal-politiki tal-Unjoni dwar it-trasport, dwar il-klima u dwar l-enerġija. Dawn l-atti għandhom impatt tassew pożittiv fuq il-kompetittività tas-settur tal-karozzi tal-UE u fuq il-kummerċ internazzjonali tagħha. Il-vot favur dawn l-atti se jippromwovi l-progress teknoloġiku, se joffri vantaġġi f'termini tal-ekonomiji tal-iskala, se jipprevjeni l-frammentazzjoni tas-suq intern u se jiżgura standards ambjentali u tas-sikurezza ugwali madwar l-Unjoni.

L-għarfien espert estern mhuwiex rilevanti fil-każ ta' din il-proposta. Madankollu, din se tiġi eżaminata mill-Kumitat Tekniku dwar il-Vetturi bil-Mutur.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu “l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”

Il-kunċett ta’ “atti li jkollhom effetti legali” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw is-sede kkonċernata. Huwa jinkludi wkoll l-istrumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali iżda li “jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni”².

4.1.2. *Applikazzjoni għal dan il-każ*

Id-WP.29 huwa korp li fih il-Partijiet Kontraenti tan-NU/KEE jiddiskutu bejniethom l-implimentazzjoni tal-Ftehim Rivedut tal-1958 u tal-Ftehim Parallel.

L-atti li d-WP.29 jintalab jadotta huma atti li għandhom effetti legali.

Ir-Regolamenti tan-NU mogħtija fl-att previst se jorbtu lill-Unjoni u jistgħu jinfluwenzaw b’mod deċiżiv il-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tal-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi. Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ issostitwiet is-sistemi tal-approvazzjoni tal-Istati Membri bi proċedura tal-approvazzjoni tal-Unjoni u stabbiliet qafas armonizzat li fih id-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi ġenerali għall-vetturi, għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati l-ġodda kollha. Dik id-Direttiva inkorporat ir-regolamenti li ġew adottati skont il-Ftehim Rivedut tal-1958 (minn hawn ’il quddiem imsejħin “ir-Regolamenti tan-NU”) fis-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, jew bħala rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip jew bħala alternattivi għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Mill-adozzjoni tad-Direttiva 2007/46/KE ’l hawn, ir-Regolamenti tan-NU ġew inkorporati dejjem aktar fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

L-atti previsti la jissupplimentaw u lanqas jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. **Bażi ġuridika sostantiva**

4.2.1. *Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament fuq l-għan u fuq il-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew minn dawk il-komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement wieħed inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

² Il-paragrafi 61 sa 64 tas-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014 fil-Kawża C-399/12, *Il-Ġermanja vs Il-Kunsill* (ECLI:EU:C:2014:2258).

³ Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta’ vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta’ sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (“Direttiva Kwadru”) (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1).

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst għandhom x'jaqsmu mal-approssimazzjoni tal-liġijiet. Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 114.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 114 tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitati rilevanti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti f'dak li għandu x'jaqsam mal-proposti għal emendi tar-Regolamenti Nru 0, 16, 17, 21, 29, 43, 44, 48, 53, 55, 58, 67, 74, 80, 83, 85, 86, 98, 107, 112, 113, 115, 116, 123, 129, 135, 148, 149 u 150 tan-NU, mal-proposta għal emendi tar-Regolament Tekniku Globali (il-GTR) Nru 2, mal-proposta għal emendi tar-Riżoluzzjoni Reċiproka MR.1, mal-proposti għal emendi tar-Riżoluzzjonijiet Ikkonsolidati R.E.3 u R.E.5 u mal-proposti għal awtorizzazzjonijiet biex tiġi żviluppata emenda tal-GTR Nru 6 u biex jiġi żviluppat GTR ġdid dwar id-determinazzjoni tal-potenza tal-vetturi li jaħdmu bl-elettriku (id-DEVP)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikulari l-Artikolu 114, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE⁴, l-Unjoni ssieħbet mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa (“in-NU/KEE”) li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet liema jistgħu jkunu ffittjati u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għar-rikonossiment reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet (“il-Ftehim Rivedut tal-1958”). Il-Ftehim Rivedut tal-1958 daħal fis-seħħ fl-24 ta' Marzu 1998.
- (2) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE⁵, l-Unjoni ssieħbet mal-Ftehim li jistabbilixxi regolamenti tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, apparat u partijiet li jistgħu jitwaħħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti (“il-Ftehim Parallel”). Il-Ftehim Parallel daħal fis-seħħ fil-15 ta' Frar 2000.
- (3) Skont l-Artikolu 1 tal-Ftehim Rivedut tal-1958 u l-Artikolu 6 tal-Ftehim Parallel, il-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tan-NU/KEE (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ “il-Grupp ta' Ħidma Nru 29” jew “id-WP.29”) jista' jadotta, skont kif ikun applikabbli, il-proposti għal emendi tar-Regolamenti Nru 0, 16, 17, 21, 29, 43, 44, 48, 53, 55, 58, 67, 74, 80, 83, 85, 86, 98, 107, 112, 113, 115, 116,

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-għan tal-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet liema jistgħu jkunu ffittjati u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għar-rikonossiment reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet (“Ftehim Rivedut tal-1958”) (ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78).

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE tal-31 ta' Jannar 2000 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jistabbilixxi regolamenti, tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, apparat u partijiet li jistgħu jitwaħħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti (“Ftehim Parallel”) (ĠU L 35, 10.2.2000, p. 12).

123, 129, 135, 148, 149 u 150 tan-NU, il-proposta għal emendi tar-Regolament Tekniku Globali (il-GTR) Nru 2, il-proposta għal emendi tar-Riżoluzzjoni Reċiproka MR.1, il-proposti għal emendi tar-Riżoluzzjonijiet Ikkonsolidati R.E.3 u R.E.5 u l-proposti għal awtorizzazzjonijiet biex tiġi żviluppata emenda tal-GTR Nru 6 u biex jiġi żviluppat GTR ġdid dwar id-determinazzjoni tal-potenza tal-vetturi li jaħdmu bl-elettriku (id-DEVP).

- (4) Waqt il-179 laqgħa tal-Forum Dinji li se ssir bejn it-12 u l-14 ta' Novembru 2019, id-WP.29 irid jadotta l-atti msemmijin hawn fuq b'rabta mad-dispożizzjonijiet amministrattivi u mal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-approvazzjoni ta' vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jitwaħħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti u mar-regolamenti tekniċi globali li japplikaw għal dawn il-vetturi, għal dan it-tagħmir u għal dawn il-partijiet.
- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fid-WP.29 f'dak li għandu x'jaqsam mal-adozzjoni tal-proposti għal Regolamenti tan-NU, minħabba li r-Regolamenti tan-NU se jorbtu lill-Unjoni u jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi.
- (6) Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ issostitwiet is-sistemi tal-approvazzjoni tal-Istati Membri bi proċedura tal-approvazzjoni tal-Unjoni u stabbiliet qafas armonizzat li fih id-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi ġenerali għall-vetturi, għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati l-ġodda kollha. Dik id-Direttiva inkorporat ir-regolamenti li ġew adottati skont il-Ftehim Rivedut tal-1958 (minn hawn 'il quddiem imsejħin "ir-Regolamenti tan-NU") fis-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, jew bħala rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip jew bħala alternattivi għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Mill-adozzjoni tad-Direttiva 2007/46/KE 'l hawn, ir-Regolamenti tan-NU ġew inkorporati dejjem aktar fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.
- (7) Fid-dawl tal-esperjenza u tal-iżviluppi tekniċi, jeħtieġ li r-rekwiżiti marbutin ma' ċerti elementi jew karatteristiċi koperti mir-Regolamenti Nru 0, 16, 21, 29, 43, 44, 48, 53, 55, 58, 67, 74, 80, 83, 85, 86, 98, 107, 112, 113, 115, 116, 123, 129, 135, 148, 149 u 150 tan-NU jiġu adattati jew issupplimentati. Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġu emendati ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament Tekniku Globali (il-GTR) Nru 2 tan-NU u li jiġu kkoreġuti ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 17 tan-NU. Fl-aħħar nett, jeħtieġ li jiġu adottati l-emendi tar-Riżoluzzjoni Reċiproka MR.1 u l-emendi tar-Riżoluzzjonijiet Ikkonsolidati R.E.3 u R.E.5.
- (8) Id-dokument ta' ħidma tad-WP.29 bin-numru ta' referenza ECE/TRANS/WP.29/2019/93 għandu x'jaqsam ma' proposta għas-serje 01 ta' emendi tar-Regolament Nru 35 tan-NU (Il-pedali). Minħabba li l-UE mhix qed tapplika d-dispożizzjonijiet uniformi tar-Regolament Nru 35 tan-NU, m'hemmx bżonn tiġi stabbilita pożizzjoni tal-Unjoni dwar il-proposta ECE/TRANS/WP.29/2019/93.
- (9) Id-dokument ta' ħidma tad-WP.29 bin-numru ta' referenza ECE/TRANS/WP.29/2019/114 għandu x'jaqsam ma' proposta għas-Suppliment 2 tas-serje 03 ta' emendi tar-Regolament Nru 79 tan-NU (It-tagħmir tal-istering), kif ippreżentata inizjalment mill-President tal-korp sussidjarju speċjalizzat rilevanti tad-WP.29. Wara t-tħassib li esprimew ċerti Partijiet Kontraenti, waqt l-aħħar laqgħa tal-

⁶ Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi ("Direttiva Kwadru") (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1).

korp sussidjarju speċjalizzat il-President qabel li jibgħat dokument rivedut lid-WP.29. Minħabba li bħalissa d-dokument mhux disponibbli fuq il-portal tas-Segretarjat tad-WP.29 u jista' jkun hemm bżonn ta' aktar diskussjonijiet bejn l-esperti dwaru, ikun xieraq li dan jerġa' jintbagħat lill-korp sussidjarju speċjalizzat.

- (10) Ir-referenza għall-awtorizzazzjoni biex tiġi żviluppata l-emenda nru 4 tar-Regolament Tekniku Globali (il-GTR) Nru 2 mogħtija fuq il-portal tas-Segretarjat tad-WP.29 hija żbaljata u jenħtieġ li r-referenza ECE/TRANS/WP.29/AC.3./36 tiġi kkoreġuta għar-referenza ECE/TRANS/WP.29/AC.3./36/Rev.1.
- (11) Id-dokument ta' ħidma tad-WP.29 bin-numru ta' referenza ECE/TRANS/WP.29/2019/118 għandu x'jaqsam ma' proposta għal emenda tal-Anness IV tar-Riżoluzzjoni Kkonsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3). Din il-proposta trid titqies flimkien ma' dokument informali bin-numru ta' referenza WP.29-179-06 li jiċċara r-referenza għall-istandard tal-ISO għall-kejl tal-kwalità tal-karburanti għal ċerti parametri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fid-WP.29 waqt il-179 laqgħa tiegħu li se ssir bejn it-12 u l-14 ta' Novembru 2019 għandha tkun li tivvota favur il-proposti mniżżlin fl-Anness 1 ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fid-WP.29 waqt il-179 laqgħa tiegħu li se ssir bejn it-12 u l-14 ta' Novembru 2019 għandha tkun li tivvota kontra l-proposta għas-Suppliment 2 tas-serje 03 ta' emendi tar-Regolament Nru 79 tan-NU (It-tagħmir tal-istering, mogħtija fid-dokument ta' ħidma bin-numru ta' referenza ECE/TRANS/WP.29/2019/114).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*